ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 272

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

15 ta' Novembru 2007

Avviż Nru — Werrej — Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**


| | | |
|---|---|---|
| 2007/C 272/01 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4868 — Avnet/Magirus EID) (1) | 1 |
| 2007/C 272/02 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4903 — Hochtief/Vinci/JV) (1) | 1 |
| 2007/C 272/03 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4564 — Bridgestone/Bandag) (1) | 2 |


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**


| | | |
|---|---|---|
| 2007/C 272/04 | Rata tal-kambju ta' l-euro | 3 |
| 2007/C 272/05 | Avviż mill-Kummissjoni — Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata Għajnuna mill-Istat inkompatibbli li ngħatat kontra l-liġi | 4 |
| 2007/C 272/06 | Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattika restrittiva u pożizzjonijiet dominanti fil-laqgħa tiegħu mogħtija fl-416-il laqgħa fit-18 ta' Settembru 2006 dwar abbozz ta' Deċiżjoni relatata ma' każ COMP/C2/38.681 — Il-ftehim ta' Estensjoni ta' Cannes | 18 |


**MT**

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE



(Ikompli fil-paġna ta' wara)

2007/C 272/07 Rapport finali ta' l-uffiċjal tas-smigħ fil-każ COMP/C2/38.681 — Ftehim ta' Estensjoni Cannes *(skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L162, 19.6.2001, p. 21)* 19

INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

**Il-Qorti ta' l-EFTA**

2007/C 272/08 Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti ta' l-EFTA magħmula minn Héraðsdómur Reykjavíkur datata 19 ta' Marzu 2007 fil-kawża Jón Gunnar Þorkelsson v Gildi-lífeyrissjóður (Fond tal-Pensjoni Gildi) (Kawża E-4/07) ........ 20

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Kummissjoni**

2007/C 272/09 Sejħiet għal proposti mill-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS skond il-programm ta' ħidma "Kooperazzjoni" tas-Seba' Programm Kwadru tal-KE għal Attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni ........ 21

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**

2007/C 272/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4946 — Goldman Sachs/Sintonia SpA/Sintonia) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata (1) ........ 22

2007/C 272/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4883 — PetroFina/Galactic/Futerro JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata (1) ........ 23

---

**Avviż**

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.4868 — Avnet/Magirus EID)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 272/01)

Fil-5 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali.

— F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4868. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (http://eur-lex.europa.eu)

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.4903 — Hochtief/Vinci/JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 272/02)

Fit-3 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ġermaniż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali.

— F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4903. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (http://eur-lex.europa.eu)

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.4564 — Bridgestone/Bandag)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 272/03)

Fid-29 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab fuq Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali.

— F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4564. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (http://eur-lex.europa.eu)

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA’ L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta’ l-euro (1)

**L-14 ta’ Novembru 2007**

(2007/C 272/04)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4700 | RON | Leu Rumen | 3,4571 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 163,26 | SKK | Krona Slovakka | 32,927 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4517 | TRY | Lira Turka | 1,7375 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,71040 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6308 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,2470 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4041 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,6450 | HKD | Dollaru ta’ Hong Kong | 11,4501 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 87,85 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,9227 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,9275 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,1254 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 342,55 |
| CYP | Lira Ċiprijotta | 0,5842 | ZAR | Rand ta’ l-Afrika t'Isfel | 9,8372 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,695 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 10,9152 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | HRK | Kuna Kroata | 7,3490 |
| HUF | Forint Ungeriż | 253,82 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 13 553,40 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,9172 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7016 | PHP | Peso Filippin | 62,887 |
| MTL | Lira Maltija | 0,4293 | RUB | Rouble Russu | 35,9340 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,6435 | THB | Baht Tajlandiż | 46,268 |

(1) *Sors:* rata tal-kambju ta’ referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# AVVIŻ MILL-KUMMISSJONI

## Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata Għajnuna mill-Istat inkompatibbli li ngħatat kontra l-liġi

(2007/C 272/05)

### 1. INTRODUZZJONI

1. Fl-2005, il-Kummissjoni ppreżentat il-programm tagħha għar-riforma fl-Għajnuna mill-Istat fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Għajnuna mill-Istat ([1]). Il-programm ta' riforma ser itejjeb l-effettività, it-trasparenza u l-kredibilità tas-sistema ta' l-Għajnuna mill-Istat ta' l-UE. Fil-qalba tal-Pjan ta' Azzjoni hemm il-prinċipju ta' "Għajnuna mill-Istat li hija inqas fl-ammont u hija mmirata aħjar". L-għan ewlieni huwa li l-Istati Membri jiġu mħeġġa biex inaqqsu l-livell totali tagħhom ta' għajnuna filwaqt li r-riżorsi ta' l-għajnuna mill-Istat jiġu indirizzati lejn għanijiet b'interess Komunitarju ċar. Biex jintlaħaq dan l-għan, il-Kummissjoni hija kommessa li tkompli tadotta metodu strett lejn l-aktar tipi ta' għajnuna li joħolqu tfixkil, b'mod partikolari lejn għajnuna illegali u inkompatibbli.

2. Fl-aħħar snin, il-Kummissjoni wriet li hija ppreparata li tieħu pożizzjoni soda kontra l-għajnuna illegali. Mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([2]) ("Ir-Regolament Proċedurali"), hija ordnat lill-Istati Membri b'mod sistematiku biex jirkupraw kull għajnuna illegali misjuba inkompatibbli mas-suq komuni, sakemm ma qisetx li dan imur kontra prinċipju tal-liġi Komunitarja. Mis-sena 2000, adottat 110 deċiżjoni ta' rkupru bħal dawn.

3. Huwa essenzjali għall-integrità tas-sistema ta' l-għajnuna mill-Istat li dawn id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex jirkupraw għajnuna mill-Istat (minn issa l quddiem "deċiżjonijiet ta' rkupru") jiġu infurzati b'mod effettiv u immedjat. L-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni fl-aħħar snin turi li hemm raġuni għal tħassib reali f'dan l-aspett. L-esperjenza turi li pratikament m'hemmx każ wieħed li fih sar l-irkupru sat-terminu ffissat fid-deċiżjoni ta' rkupru. Edizzjonijiet reċenti tat-Tabella ta' l-Għajnuna mill-Istat juru wkoll li 45 % tad-deċiżjonijiet kollha ta' rkupru adottati fl-2000-2001 kienu għadhom ma ġewx implimentati sa Ġunju 2006.

4. Fl-2004, il-Kummissjoni ordnat studju komparattiv dwar l-infurzar tal-politika ta' l-għajnuna mill-Istat ta' l-UE fi Stati Membri differenti (minn issa 'l quddiem msejjaħ l-"Istudju ta' Infurzar") ([3]). Wieħed mill-għanijiet ta' l-istudju kien li tiġi evalwata l-effettività tal-proċeduri u prattiċi ta' rkupru f'għadd ta' Stati Membri. L-awturi ta' l-Istudju sabu li "t-tul eċċessiv tal-proċeduri ta' rkupru hija tema rikorrenti fir-rapporti tal-pajjiżi kollha". Huma rrikonoxxew li l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' rkupru kienet tjiebet xi ftit fl-aħħar snin, imma kkonkludew li l-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli għadu jiffaċċja numru ta' ostakoli f'ħafna mill-Istati Membri eżaminati.

5. Fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa għal infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet ta' rkupru. Jidher ċar li l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet bħal dawn hija responsabbiltà li tinqasam bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u ser teħtieġ sforzi konsiderevoli minnhom it-tnejn biex tkun suċċess.

6. L-għan ta' din il-komunikazzjoni huwa li tiġi spjegata l-politika tal-Kummissjoni biex ikunu implimentati d-deċiżjonijiet ta' rkupru. M'hijiex ser teżamina l-konsegwenzi li l-qrati nazzjonali jistgħu jiġbdu fil-każ li ma jiġux irrispettati n-notifika u l-obbligu ta' waqfien ta' l-Artikolu 88(3) KE. Il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm ħtieġa li jiġu ċċarati l-miżuri li biħsiebha tieħu biex tiffaċilita t-twettiq tad-deċiżjonijiet ta' rkupru u biex tistipula azzjonijiet li jistgħu jieħdu l-Istati Membri biex jassiguraw li jikkonformaw

---

([1]) Pjan ta' Azzjoni għall-Għajnuna mill-Istat: Għajnuna mill-Istat li hija inqas u mmirata aħjar: programm għar-riforma ta' l-għajnuna mill-Istat 2005-2009.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

([3]) Studju dwar l-infurzar tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat f'livell nazzjonali, Studji dwar il-Kompetizzjoni nru 6, il-Lussemburgu, Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej: http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/overview/studies.html

bis-sħiħ mar-regoli u l-prinċipji stabbiliti mill-korp tal-liġi Ewropea u, b'mod partikolari, l-każistika tal-qrati tal-Komunità. Għal dan il-għan, l-avviż l-ewwelnett ser ifakkar l-għan ta' l-irkupru u l-prinċipji bażiċi ta' l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rkupru. Imbagħad ser tippreżenta l-implikazzjonijiet prattiċi ta' dawn il-prinċipji bażiċi għal kull wieħed mill-atturi involuti fil-proċess ta' rkupru.

## 2. IL-PRINĊIPJI TAL-POLITIKA TA' RKUPRU

### 2.1. Storja qasira tal-politika ta' rkupru

7. L-Artikolu 88(3) KE jiddikjara li "il-Kummissjoni għandha tkun infurmata fi żmien xieraq biex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha, dwar xi pjanijiet biex tagħti jew tbiddel l-għajnuna. [...] L-Istat Membru kkonċernat m'għandux iqiegħed il-miżuri proposti tiegħu fis-seħħ sakemm din il-proċedura tirriżulta f'deċiżjoni finali."

8. F'każijiet fejn l-Istati Membri ma jinnotifikawx lill-Kummissjoni bil-pjanijiet tagħhom għall-għoti jew tibdil ta' l-għajnuna qabel ma din l-għajnuna tidħol fis-seħħ, l-għajnuna tkun kontra l-liġi Komunitarja miż-żmien meta tkun ingħatat.

9. Fis-"sentenza Kohlegesetz" ([4]) tagħha ta' l-1973, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) ikkonfermat għall-ewwel darba li l-Kummissjoni kellha l-poter li tordna l-irkupru ta' għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli. Il-Qorti ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet kompetenti biex tiddeċiedi li Stat Membru għandu jibdel jew jabolixxi għajnuna mill-Istat li kienet inkompatibbli mas-suq komuni. Għandha għaldaqstant tkun ukoll intitolata li teżiġi ħlas lura ta' din l-għajnuna. Fuq il-bażi ta' din is-sentenza u l-każistika sussegwenti ([5]), il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri f'Komunikazzjoni ppubblikata fl-1983 li kienet iddeċidiet li tuża l-miżuri kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tassigura li l-obbligi ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 88(3) KE jiġu osservati, inkluż ir-rekwiżit li l-Istati Membri jirkupraw għajnuna inkompatibbli mogħtija illegalment mingħand min ikun irċeviha ([6]).

10. Fit-tieni nofs tas-snin tmenin u fis-snin disgħin, il-Kummissjoni bdiet tordna l-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli b'mod aktar sistematiku. Fl-1999, ġew inklużi regoli bażiċi ta' proċedura fir-Regolament Proċedurali. Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni oħra ġew inklużi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([7]) ("ir-Regolament ta' implimentazzjoni").

11. **L-Artikolu 14(1)** tar-Regolament Proċedurali jikkonferma l-każistika stabbilita tal-Qrati tal-Komunità ([8]) u jistabbilixxi obbligu għall-Kummissjoni li tordna l-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli sakemm dan ma jkunx kontra prinċipju ġenerali tal-liġi. Dan l-Artikolu jipprovdi wkoll li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jirkupra l-għajnuna illegali li tinstab li hija inkompatibbli. **L-Artikolu 14(2)** jistabbilixxi li l-għajnuna trid tiġi rkuprata, inklużi l-interessi mid-data meta l-għajnuna illegali kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sad-data effettiva ta' l-irkupru tagħha. Ir-Regolament ta' Implimentazjoni jelabora l-metodi li għandhom jintużaw għall-kalkolu ta' l-interessi ta' rkupru. Fl-aħħarnett, **l-Artikolu 14(3)** tar-Regolament Proċedurali jiddikjara li "l-irkupru għandu jseħħ mingħajr dewmien u skond il-proċeduri tal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat, sakemm dan iħalli li jsir twettiq immedjat u effettiv tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni".

12. F'għadd ta' sentenzi reċenti, l-ECJ kompliet tiċċara l-ambitu u l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Proċedurali, u b'hekk enfasizzat il-ħtieġa għat-twettiq immedjat u effettiv tad-deċiżjonijiet ta' rkupru ([9]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni bdiet ukoll tapplika l-każistika Deggendorf ([10]) b'mod

---

([4]) Kawża C-70/72, *il-Kummissjoni vs il-Ġermanja*, [1973] Ġabra p. 813, punt 13.
([5]) Kawża 121/73, Markmann KG vs il-Ġermanja u Land of Schleswig-Holstein, [1973] Ġabra p. 01495, Kawża 122/73, Nordsee, Deutsche Hochseefischerei GmbH vs il-Ġermanja u Land Rheinland-Pfalz, [1973] Ġabra p. 01511, u Kawża 141/73, Fritz Lohrey vs il-Ġermanja u Land Hessen, [1973] Ġabra p. 1527.
([6]) ĠU C 318, 24.11.1983, p. 3.
([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.)
([8]) Kawża C-301/87, *Franza vs il-Kummissjoni*, [1990], Ġabra p. I-307.
([9]) Kawża C-415/03, *il-Kummizzjoni vs il-Greċja*, ("Olympic Airways") [2005], Ġabra p. I-03875 u s-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, kawża C-232/05, *il-Kummissjoni vs Franza*, ("Scott"), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.
([10]) Kawża C-188/92, *TWD Textilwerke Deggendorf GmbH vs il-Ġermanja*, ("Deggendorf") [1994], Ġabra p. I-00833.

iktar sistematiku. Din il-każistika tippermetti lill-Kummissjoni, jekk ċerti kundizzjonijiet jiġu sodisfatti, li tordna lill-Istati Membri jissospendu l-ħlas ta' għajnuna ġdida kompatibbli lil kumpanija sakemm dik il-kumpanija tħallas lura għajnuna antika illegali u inkompatibbli li hija suġġetta għal deċiżjoni ta' rkupru.

## 2.2. **L-Għanijiet u l-prinċipji tal-politika ta' rkupru**

### 2.2.1. *L-għan ta' l-irkupru*

13. L-ECJ iddikjarat f'għadd ta' okkażjonijiet li l-għan ta' l-ikrupru huwa biex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel l-għoti ta' l-għajnuna. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-livell uniformi fis-suq intern jinżamm, skond l-Artikolu 3 (g) tat-Trattat tal-KE. F'dan il-kuntest, l-ECJ enfasizzat li l-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli m'hijiex penalità ([11]), imma hija l-konsegwenza loġika tas-sejba hija illegali ([12]). Ma jistax għalhekk jitqies bħala sproporzjonat għall-għanijiet tat-Trattat rigward l-Għajnuna mill-Istat ([13]).

14. Skond l-ECJ, l-"istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel, jinkiseb meta l-għajnuna illegali u inkompatibbli titħallas lura minn min irċeviha li b'hekk jitlef il-vantaġġ li kellu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u s-sitwazzjoni kif kienet qabel l-għoti ta' l-għajnuna terġa' għal li kienet" ([14]). Biex jiġu eliminati l-vantaġġi finanzjarji kollha relatati ma' l-għajnuna illegali, l-interessi jridu jiġu rkuprati fuq is-somom li ngħataw illegalment. Dan l-interess irid ikun ekwivalenti għall-vantaġġ finanzjarju li joħroġ mid-disponibilità tal-fondi in kwistjoni, mingħajr ħlas, matul perjodu stabbilit ([15]).

15. Barra minn hekk, l-ECJ insistiet li biex deċiżjoni ta' rkupru tal-Kummissjoni tiġi eżegwita kollha kemm hi, l-azzjonijiet ta' l-Istat Membru għandhom jipproduċu effetti konkreti rigward l-irkupru ([16]) u li l-irkupru għandu jkun immedjat ([17]). Biex l-irkupru jilħaq l-għan tiegħu, huwa essenzjali li l-ħlas lura ta' l-għajnuna jseħħ mingħajr dewmien.

### 2.2.2. *L-obbligu ta' rkupru ta' għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli u l-eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu*

16. L-Artikolu 14(1) tar-Regolament Proċedurali jispeċifika li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju".

17. Ir-Regolament Proċedurali jimponi żewġ limiti fuq il-poter tal-Kummissjoni li tordna l-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli. L-Artikolu 14(1) tar-Regolament Proċedurali jipprovdi li l-Kummissjoni m'għandhiex tirrikjedi l-irkupru ta' l-għajnuna jekk dan ikun kontra **prinċipju ġenerali tal-liġi**. Il-prinċipji ġenerali tal-liġi invokati l-aktar f'dan il-kuntest huma l-prinċipji tal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittima ([18]) u taċ-ċertezza legali ([19]). Huwa importanti li wieħed jinnota li l-ECJ tat interpretazzjoni restrittiva ħafna ta' dawn il-prinċipji fil-kuntest ta' l-irkupru. L-Artikolu 15 tar-Regolament Proċedurali jiddikjara li l-poteri tal-Kummissjoni li tirkupra l-għajnuna għandhom ikunu suġġetti għall-perjodu ta' limitazzjoni ta' 10 snin (l-hekk imsejjaħ "**perjodu ta' preskrizzjoni"**). Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jibda dakinhar li l-għajnuna illegali tingħata lill-benefiċjarju bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna f'forma ta' skema ta' għajnuna. Kull azzjoni meħuda mill-Kummissjoni ([20]) jew minn Stat Membru, li jaġixxi skond it-talba tal-Kummissjoni, dwar l-għajnuna illegali, għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni.

---

([11]) Kawża C-75/97, *il-Belġju* vs *il-Kummissjoni*, [1990] Ġabra p. I — 03671, punt 65.
([12]) Kawża C-183/91 *il-Kummissjoni vs il-Greċja* [1993] Ġabra p. I-3131, punt 16.
([13]) Kawżi magħquda C-278/92, C-279/92 u C-280/92, *Spanja vs il-Kummissjoni*, [1994] Ġabra p. I-04103, punt 75.
([14]) Kawża C-348/93, *il-Kummissjoni vs l-Italja* [1993] Ġabra p. I-673, punt 27.
([15]) Kawża T-459/93, *Siemens vs il-Kummissjoni* [1995] Ġabra p. II-1675, punti 97 sa 101.
([16]) Kawża C-415/03, *il-Kummissjoni vs il-Greċja*, msemmija qabel fin-nota 9 ta' qiegħ il-paġna.
([17]) Kawża C-232/05, *il-Kummissjoni vs Franza*, msemmija qabel fin-nota 9 ta' qiegħ il-paġna.
([18]) Fuq il-prinċipju tal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi, jekk jogħġbok ara l-kawża C-24/95, *Alcan*, [1997], Ġabra p. I-1591, punt 25, kawża C-5/89, *BUG-Alutechnik*, [1990], Ġabra p. I-3437, punti 13 u 14. Għal eżempju fejn l-ECJ irrikonoxxiet l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi min-naħa tal-benefiċjarju, jekk jogħġbok ara l-kawża C-223/85, *RSV*, [1987], Ġabra p. 4617.
([19]) Dwar il-prinċipju taċ-ċertezza legali, jekk jogħġbok ara l-kawża T-115/94, *Opel Austria GmbH vs il-Kunsill*, [1997] Ġabra p. II-00039 u l-kawża C-372/97, *l-Italja vs l-Kummissjoni*, [2004] Ġabra p. I-3679, punti 116 sa 118, kawżi magħquda C-74/00P u C-75/00, *P Falck u Acciaierie di Bolzano vs l-Kummissjoni* [2002] Ġabra p. I-7869, punt 140. Ara wkoll il-kawża T-308/00, *Saltzgitter vs l-Kummissjoni* [2004], Ġabra p. II-01933, punt 166.
([20]) Għal interpretazzjoni ta' "kull azzjoni Komunitarja", jekk jogħġbok ara l-kawża T-369/00, *Département du Loiret vs il-Kummissjoni*, [2003] Ġabra p. II-01789.

18. Skond l-Artikolu 249 tat-Trattat tal-KE, id-deċiżjonijiet jorbtu fl-intier tagħhom lil dawk li lilhom huma indirizzati. Għalhekk, l-Istat Membru li lilu tkun indirizzata deċiżjoni ta' rkupru huwa obbligat li jeżegwixxi din id-deċiżjoni ([21]). L-ECJ irrikonoxxiet eċċezzjoni waħda biss għal dan l-obbligu għal Stat Membru biex jimplimenta deċiżjoni ta' rkupru indirizzata lilu, jiġifieri l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluha **assolutament impossibbli** għall-Istat Membru li jeżegwixxi d-deċiżjoni kif suppost ([22]).

19. Skond il-Qrati Komunitarji, l-impossibilità assoluta tista' madankollu ma tkunx sempliċement supposta. L-Istat Membru għandu juri li pprova, *in bona fede*, jirkupra l-għajnuna illegali u għandu jikkoopera mal-Kummissjoni skond l-Artikolu 10 tat-Trattat tal-KE, biex jegħleb id-diffikultajiet li jiffaċċja ([23]).

20. Eżami tal-każistika turi li l-Qrati Komunitarji interpretaw il-kunċett ta' "impossibilità assoluta" b'mod restrittiv ħafna. Il-Qrati kkonfermaw f'għadd ta' okkażjonijiet li Stat Membru ma jistax jeċċepixxi rekwiżiti tal-liġi nazzjonali tiegħu, bħal m'huma r-regoli nazzjonali ta' preskrizzjoni ([24]) jew in-nuqqas ta' titolu ta' rkupru skond il-liġi nazzjonali ([25]), biex jiġġustifika l-falliment tiegħu li jikkonforma ruħu mad-deċiżjoni ta' rkupru ([26]). Bl-istess mod, l-ECJ ddeċidiet li l-obbligu ta' rkupru mhuwiex effettwat minn ċirkostanzi marbuta mas-sitwazzjoni ekonomika tal-benefiċjarju. Iċċarat li l-fatt li kumpanija tkun f'diffikultajiet finanzjarji m'huwiex prova li l-irkupru huwa impossibbli ([27]). F'ċirkostanzi bħal dawn, il-qorti enfasizzat li n-nuqqas totali ta' xi assi li jistgħu jiġu rkuprati huwa l-uniku mod li għandu Stat Membru li juri l-impossibilità assoluta li jirkupra l-għajnuna ([28]). F'għadd ta' każijiet, l-Istat Membru argumenta li ma setax jeżegwixxi d-deċiżjoni ta' rkupru, minħabba d-diffikultajiet amministrattivi jew tekniċi involuti (per eżempju l-għadd kbir ħafna ta' benefiċjarji involuti). Il-Qorti konsistentement irrifjutat li taċċetta li diffikultajiet bħal dawn jikkostitwixxu impossibilità assoluta ta' rkupru ([29]). Fl-aħħarnett, il-biża' ta' diffikultajiet interni li ma jistgħux jintgħelbu ma tistax tiġġustifika falliment minn Stat Membru li jonora l-obbligi tiegħu skond il-Liġi Komunitarja ([30]).

### 2.2.3. *L-użu ta' proċeduri nazzjonali u l-ħtieġa ta' eżekuzzjoni immedjata u effettiva*

21. L-Artikolu 14(3) tar-Regolament Proċedurali jispeċifika li "l-irkupru għandu jseħħ mingħajr dewmien u skond il-proċeduri tal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat, sakemm jippermettu għall-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni".

22. Jekk l-Istati Membri huma liberi li jagħżlu, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, l-mezzi li bihom jimplimentaw deċiżjonijiet ta' rkupru, il-miżuri magħżula għandhom jagħtu effett sħiħ lid-deċiżjoni ta' rkupru. Jeħtieġ għalhekk li l-miżuri nazzjonali meħuda mill-Istati Membri iwasslu għall-eżekuzzjoni **effettiva u immedjata** tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

23. Fis-sentenza tagħha dwar l-Olympic Airways ([31]), l-ECJ enfasizzat li l-miżuri ta' implimentazzjoni meħuda mill-Istat Membru għandhom ikunu **effettivi** u jipproduċu riżultat konkret f'dak li jirrigwarda l-irkupru. L-azzjonijiet meħuda mill-Istat Membru għandhom iwasslu biex isir l-irkupru ta' l-ammonti ta' flus li għandu jagħti l-benefiċjarju. Fis-sentenza riċenti tagħha fil-kawża Scott ([32]), l-ECJ ikkonfermat dik il-linja u enfasizzat li proċeduri nazzjonali li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament Proċedurali għandhom jitħallew mhux applikati. Caħdet, b'mod partikolari, l-argument ta' l-Istat Membru li kien ħa l-passi kollha disponibbli fis-sistema nazzjonali tiegħu u insistiet li dawn il-miżuri għandhom iwasslu wkoll biex ikun hemm riżultat konkret f'dak li jirrigwarda l-irkupru, u dan, fit-terminu stabbilit mill-Kummissjoni.

---

([21]) Kawża 94/87, *il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* [1989] Ġabra p. 175.
([22]) Kawża C-404/00, *il-Kummissjoni vs Spanja*, [1990] Ġabra p. I-6695.
([23]) Kawża C-280/95, *il-Kummissjoni vs l-Italja*, [1998] Ġabra p. I-259.
([24]) Kawża C-24/95, *Alcan*, [1997], Ġabra p. 1591, punti 34-37.
([25]) Kawża C-303/88, *l-Italja* vs *il-Kummissjoni*, [1991] Ġabra p. I-1433.
([26]) Kawża C-52/84, *il-Kummissjoni vs il-Belġju*, [1986] Ġabra p. 89, punt 9.
([27]) Kawża C-52/84, *il-Kummissjoni vs il-Belġju*, imsemmija qabel fin-nota 26 ta' qiegħ il-paġna, punt 14.
([28]) Kawża C-499/99, *il-Kummissjoni vs Spanja*, [2002] Ġabra p. I-06301.
([29]) Kawża C-280/95, *il-Kummissjoni vs l-Italja*, [imsemmija qabel fin-nota 23 ta' qiegħ il-paġna].
([30]) Kawża C-6/97 *l-Italja vs il-Kummissjoni* [1999] Ġabra p. I-2981, punt 34.
([31]) Kawża C-415/03, *Il-Kummissjoni vs il-Greċja*, imsemmija qabel fin-nota 9 ta' qiegħ il-paġna.
([32]) Kawża C-232/05, *Il-Kummissjoni vs Franza*, imsemmija qabel fin-nota 9 ta' qiegħ il-paġna.

24. L-Artikolu 14(3) tar-Regolament Proċedurali jeżiġi li d-deċiżjonijiet ta' rkupru jiġu implimentati b'mod li huwa kemm effettiv kif ukoll **immedjat**. Fil-kawża Scott, l-ECJ enfasizzat l-importanza tad-dimensjoni taż-żmien fil-proċess ta' rkupru. Il-Qorti speċifikat li l-applikazzjoni ta' proċeduri nazzjonali m'għandhiex timpedixxi li terġa' tiġi stabbilita kompetizzjoni effettiva billi twaqqaf it-twettiq immedjat u effettiv tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Proċeduri nazzjonali, li jżommu milli terġa' tiġi stabbilita b'mod immedjat is-sitwazzjoni ta' qabel u li jtawlu l-vantaġġ mill-kompetizzjoni inġusta minħabba għajnuna illegali u inkompatibbli, ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament Proċedurali.

25. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jitfakkar li azzjoni għall-annullament ta' deċiżjoni ta' rkupru skond l-Artikolu 230 tat-Trattat tal-KE m'għandhiex effett ta' sospensjoni. Fil-kuntest ta' azzjoni ta' dan it-tip, il-benefiċjarju ta' l-għajnuna jista' madankollu japplika għas-sospensjoni tat-twettiq tad-deċiżjoni ta' rkupru skond l-Artikolu 242 tat-Trattat tal-KE. Applikazzjonijiet għas-sospensjoni, għandhom jiddikjaraw iċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għall-urġenza u għandhom jinkludu eċċezzjonijiet ta' fatti u liġi li jistabbilixxu każ *prima facie* għall-miżuri provviżorji. L-ECJ u s-CFI jistgħu imbagħad, jekk jikkunsidraw li ċ-ċirkostanzi jirrikjedu hekk, jordnaw li l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni tiġi sospiża.

### 2.2.4. *Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali*

26. L-Artikolu 10 tat-Trattat jobbliga lill-Istati Membri jiffaċilitaw it-twettiq tal-ħidmiet tal-Komunità u jimponi doveri reċiproki ta' kooperazzjoni fuq l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri, biex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat.

27. Fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rkupru, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom għalhekk jikkooperaw biex jiksbu l-għan li jerġgħu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq intern.

28. Jekk Stat Membru jiltaqa' ma' diffikultajiet mhux previsti jew mhux prevedibbli fit-twettiq tad-deċiżjoni ta' rkupru fil-limitu ta' żmien stabbilit jew jara li hemm konsegwenzi mħollija barra mill-Kummissjoni, għandu jissottometti dawk il-problemi għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni, flimkien ma' proposti għal emendi xierqa ([33]). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat għandhom jaħdmu flimkien *in bona fede* biex jegħlbu d-diffikultajiet filwaqt li josservaw b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE ([34]). Bl-istess mod il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali jeżiġi li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha li tippermettilha tistabbilixxi li l-mezzi magħżula jikkostitwixxu implimentazzjoni emendata tad-deċiżjoni ([35]).

29. Li l-Kummissjoni tiġi nfurmata bid-diffikultajiet tekniċi u legali involvuti fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' rkupru madankollu ma jeħlisx lill-Istati Membri mid-dover li jieħdu l-passi possibbli kollha meħtieġa biex jirkupraw l-għajnuna mill-impriża in kwistjoni u li jipproponu lill-Kummissjoni kull arranġament xieraq biex id-deċiżjoni tkun implimentata ([36]).

## 3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TA' RKUPRU

30. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom rwol essenzjali fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rkupru u jistgħu jikkontribwixxu għall-infurzar effettiv tal-politika ta' rkupru.

### 3.1. Ir-rwol tal-Kummissjoni

31. Id-deċiżjoni ta' rkupru tal-Kummissjoni timponi obbligu ta' rkupru fuq il-Membru Stat ikkonċernat. Tobbliga lill-Istat Membru kkonċernat li jirkupra ċertu ammont ta' għajnuna minn benefiċjarju jew numru ta' benefiċjarji f'perjodu stabbilit ta' żmien. L-esperjenza turi li l-ħeffa li biha deċiżjoni ta' rkupru titwettaq hija effettwata bil-grad ta' preċiżjoni jew il-kompletezza ta' dik id-deċiżjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tassigura li deċiżjonijiet ta' rkupru jipprovdu indikazzjoni ċara ta' l-ammont(i) ta' għajnuna li trid tkun irkuprata, l-impriża(i) li għandhom jagħtu u li fih għandu jseħħ l-irkupru.

---

([33]) Kawża C-404/00, *Il-Kummissjoni vs Spanja*, imsemmija qabel fin-nota 22 ta' qiegħ il-paġna.
([34]) Kawża C-94/87, *il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* [1989] Ġabra p. 175, punt 9, Kawża C-348/93, *il-Kummissjoni vs l-Italja*, imsemmija qabel fin-nota 14 f'qiegħ il-paġna, punt 17.
([35]) għal illustrazzjoni tal-proposti għall-implimentazzjoni ara l-kawża C-209/00, *il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* [2002] Ġabra p.I-11695.
([36]) Kawża 94/87, *il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* msemmija qabel fin-nota 34 ta' qiegħ il-paġna, punt 10.

*L-identifikazzjoni ta' l-impriżi li għandha tinġabar l-għajnuna minnghandhom*

32. L-għajnuna illegali u inkompatibbli għandha tiġi rkuprata mill-impriżi li effettivament bbenefikaw minnha ([37]). Il-Kummissjoni ser tkompli bil-prassi attwali tagħha li tidentifika fid-deċiżjonijiet tagħha ta' rkupru, fejn possibbli, l-identità ta' l-impriża(i) li minghandha(hom) trid tiġi rkuprata l-għajnuna. Jekk, fl-istadju ta' l-implimentazzjoni, jidher li l-għajnuna ġiet trasferita lil entitajiet oħra, l-Istat Membru jista' jkollu jestendi l-irkupru biex ikopri l-benefiċjarji effettivi kollha biex jassigura li l-obbligu ta' rkupru ma jinkisirx.

33. Il-Qrati Komunitarji taw xi gwida dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jinżammu biex l-obbligu ta' rkupru jiġi estiż għall-kumpaniji oħra minbarra l-benefiċjarju oriġinali li rċieva l-għajnuna illegali u inkompatibbli. Skond l-ECJ, trasferiment ta' vantaġġ indebitu jista' jsir meta l-assi tal-benefiċjarju oriġinali jiġu trasferiti lil terzi bi prezz orħos mill-valur tagħhom tas-suq kultant lil kumpanija aventi kawża mwaqqfa biex jiġi evitat l-ordni ta' rkupru. Jekk il-Kummissjoni tista' turi li l-assi inbiegħu bi prezz orħos mill-valur tagħhom tas-suq, speċjalment lil kumpanija aventi kawża mwaqqfa biex jiġi evitat l-ordni ta' rkupru, l-ECJ tikkonsidra li l-ordni ta' rkupru tista' tiġi estiża lil dik it-terza persuna ([38]). Każijiet tipiċi ta' ċirkumvenzjoni huma każijiet fejn it-trasferiment ma jirriflettix xi loġika ekonomika għajr l-invalidazzjoni ta' l-ordni ta' rkupru ([39]).

34. Rigward it-trasferiment ta' ishma ta' kumpanija li għandha tħallas lura għajnuna illegali u inkompatibbli (negozju ta' ishma), l-ECJ iddeċidiet ([40]) li l-bejgħ ta' ishma f'kumpanija bħal din lil terzi persuni ma jaffettwax l-obbligu tal-benefiċjarju li jħallas lura din l-għajnuna ([41]). Meta jista' jiġi stabbilit li x-xerrej ta' l-ishma ħallas il-prezz tas-suq għall-ishma ta' dik il-kumpanija, ma jistax jitqies li bbenefika minn vantaġġ li jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ([42]).

35. Meta tadotta deċiżjoni ta' rkupru dwar skemi ta' għajnuna, il-Kummissjoni normalment ma tkunx f'pożizzjoni li tidentifika, fid-deċiżjoni nfisha, l-impriżi kollha li rċevew għajnuna illegali u inkompatibbli. Dan għandu jsir fil-bidu tal-proċess ta' implimentazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat, li għandu jeżamina s-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża kkonċernata ([43]).

*Deċiżjoni dwar l-ammont li għandu jiġi rkuprat*

36. L-għan ta' l-irkupru jintlaħaq "meta l-għajnuna in kwistjoni, flimkien fejn xieraq ma' l-interessi, titħallas lura minn min irċeviha jew, fi kliem ieħor, mill-impriżi li bbenefikaw minnha. Bil-ħlas lura ta' l-għajnuna, min irċeviha jitlef il-vantaġġ li gawda minnu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u terġa' għal dak li kienet is-sitwazzjoni qabel il-ħlas ta' l-għajnuna" ([44]).

37. Kif għamlet fil-passat, il-Kummissjoni ser tidentifika b'mod ċar il-miżuri ta' għajnuna illegali u inkompatibbli li huma soġġetti għall-irkupru fid-deċiżjonijiet tagħha ta' rkupru. Meta jkollha d-data neċessarja għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni ser tipprova wkoll tikkwantifika l-ammont preċiż ta' għajnuna li trid titħallas lura. Jidher ċar, madankollu, li l-Kummissjoni ma tistax u mhijiex legalment obbligata li tiffissa l-ammont eżatt li għandu jitħallas lura. Huwa biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi informazzjoni li tippermetti lill-Istat Membru jiddetermina l-ammont, mingħajr wisq diffikultà ([45]).

([37]) Kawża Ċ-303/88, *l-Italja vs il-Kummissjoni*, [1991] Ġabra p. I-1433, punt 57; Kawża C-277/00, *il-Ġermanja vs il-Kummissjoni* ("SMI") [2004] Ġabra p. I-3925, punt 75.
([38]) Kawża C-277/00, *il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, imsemmija qabel fin-nota 37 ta' qiegħ il-paġna.
([39]) Kawżi C-328/99 u C-399/00, l-Italja *u SIM 2 Multimedia vs il-Kummissjoni*. Għal eżempju ieħor ta' ċirkumvenzjoni ara l-kawża C-415/03, *il-Kummissjoni vs il-Greċja*, imsemmija qabel fin-nota 9 ta' qiegħ il-paġna.
([40]) Kawżi C-328/99 u C-399/00, l-*Italja u SIM 2 Multimedia vs il-Kummissjoni* [2003] Ġabra p. I-4035, punt 83.
([41]) Fil-każ ta' privatizzazzjoni ta' kumpanija li rċeviet l-għajnuna mill-Istat ddikjarata kompatibbli mill-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jintroduċi klawsola ta' responsabbiltà fil-ftehim ta' privatizzazzjoni biex tipproteġi x-xerrej tal-kumpanija mir-riskju li d-deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni li tapprova l-għajnuna tinbidel mill-Qrati tal-Komunità u tiġi sostitwita b'deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna l-irkupru ta' dik l-għajnuna mill-benefiċjarju. Klawsola bħal din tista' tagħti lok għall-aġġustament tal-prezz imħallas mix-xerrej għall-kumpanija privatizzata biex titqies b'mod xieraq ir-responsabbiltà ġdida ta' rkupru.
([42]) Kawża C-277/00, *il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, imsemmija qabel fin-nota 37 ta' qiegħ il-paġna, punt 80.
([43]) Kawża Ċ-310/99, *l-Italja vs il-Kummissjoni*, [2002] Ġabra p. I-2289, punt 91.
([44]) Kawża C-277/00, *il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, imsemmija qabel fin-nota 37 ta' qiegħ il-paġna, punti 74-76.
([45]) Kawża C-480/98, *Spanja vs il-Kummissjoni* [2000], Ġabra p. I-8717, punt 25 u l-kawżi magħquda C-67/85, C-68/85 u C-70/85, *Kwekerij van der Kooy BV* et *vs il-Kummissjoni* [1988], Ġabra p. 219.

38. Fil-każ ta' skema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli, il-Kummissjoni ma tistax tikkwantifika l-ammont ta' għajnuna inkompatibbli li għandha titħallas lura minn kull benefiċjarju. Dan ikun jeħtieġ analiżi dettaljata minn kull Stat Membru ta' l-għajnuna mogħtija f'kull każ individwali fuq il-bażi ta' l-iskema in kwistjoni. Il-Kummissjoni għalhekk tindika fid-deċiżjoni tagħha li l-Istati Membri għandhom jirkupraw l-għajnuna kollha, sakemm din ma ngħatatx lill-proġett speċifiku, li, fi żmien l-għotja, issodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' eżenzjoni tar-regolamenti dwar l-eżenzjonijiet skond il-kategoriji jew fi skema ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni.

39. Skond l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Proċedurali, l-għajnuna li trid tiġi rkuprata skond deċiżjoni ta' rkupru għandha tinkludi l-interessi f'livell xieraq li għandu jiġi ffissat mill-Kummissjoni. L-imgħax għandu jitħallas mid-data meta l-għajnuna illegali kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sad-data meta tingħabar lura ([46]). Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi li r-rata ta' interessi għandha tapplika fuq bażi komposta sad-data ta' l-irkupru ta' l-għajnuna.

*Skeda għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni*

40. Fil-passat, id-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-Kummissjoni kienu jispeċifikaw terminu wieħed ta' xahrejn, li fih l-Istat Membru kkonċernat kellu jikkomunika lill-Kummissjoni, il-miżuri li kien ħa biex jikkonforma ruħu mad-deċiżjoni meħuda. Il-Qorti rrikonoxxiet li dan it-terminu għandu jitqies ukoll bħala t-terminu għat-twettiq tad-deċiżjoni nfisha tal-Kummissjoni ([47]).

41. Il-Qorti kkonkludiet ukoll li l-kuntatti u n-negozjati bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru, fil-kuntest tat-twettiq tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ma setgħux iħollu lill-Istat Membru mid-dover li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex iwettaq id-deċiżjoni fit-terminu preskritt ([48]).

42. Il-Kummissjoni tagħraf li, fil-maġġoranza tal-każijiet, it-terminu ta' xahrejn għat-twettiq tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni huwa qasir wisq. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li testendi t-terminu għat-twettiq ta' deċiżjonijiet ta' rkupru għal erba' xhur. Minn issa 'l quddiem, il-Kummissjoni se tispeċifika żewġ termini għad-deċiżjonijiet tagħha:

— terminu inizjali ta' xahrejn wara d-dħul tad-deċiżjoni fis-seħħ, li matulu l-Istat Membru jrid jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri ppjanati jew meħuda;

— it-tieni terminu ta' erba' xhur wara d-dħul tad-deċiżjoni fis-seħħ, li matulu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkun twettqet.

43. Jekk Stat Membru jiltaqa' ma' diffikultajiet serji li jżommuh milli jirrispetta xi wieħed minn dawn it-termini, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dawn id-diffikultajiet, u jagħti ġustifikazzjoni xierqa. Il-Kummissjoni tista' f'dak il-każ ittawwal it-terminu skond il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali ([49]).

### 3.2. **Ir-rwol ta' l-Istati Membri: l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rkupru**

#### 3.2.1. *Min hu responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' rkupru?*

44. L-Istat Membru huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' rkupru. L-Artikolu 14(1) tar-Regolament Proċedurali jipprovdi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju.

45. F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-ECJ fakkret f'diversi okkażjonijiet li deċiżjoni tal-Kummissjoni indirizzata lil Stat Membru torbot lill-organi kollha ta' dak l-Istati, inklużi l-Qrati ta' dak l-Istat ([50]). Dan jimplika li kull organu ta' l-Istat Membru involut fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' rkupru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassigura l-applikazzjoni immedjata u effettiva ta' deċiżjoni bħal din.

---

([46]) ara f'dak il-kuntest, l-eċċezzjoni tal-kawża C-480/98, *Spanja vs il-Kummissjoni*, imsemmija qabel fin-nota 45 ta' qiegħ il-paġna, punti 36 *et seq*.

([47]) Kawża C-207/05, il-*Kummissjoni vs l-Italja*, [2006], Ġabra p. I-00070, punti 31-36; Ara wkoll Kawża C-378/98, *il-Kummissjoni vs il-Belġju*, [2001], Ġabra p. I-5107, punt 28 u l-kawża C-232/05, *il-Kummissjoni vs Franza*, imsemmija qabel fin-nota 9 ta' qiegħ il-paġna.

([48]) Kawża C-5/86, *il-Kummissjoni vs il-Belġju*, [1987] Ġabra p. 1773.

([49]) Kawża C-207/05, il-Kummissjoni vs l-Italja (2006), sentenza ta' l-1 ta' Ġunju 2006.

([50]) Kawża 249/85, Albako Margarinefabrik Maria von der Linde GmbH & Co. KG vs Bundesanstalt für landwirtschaftliche Marktordnung, [1987], Ġabra p. 02345.

46. Il-liġi tal-Komunità ma tispeċifikax liema organu ta' l-Istat Membru għandu jkun inkarigat mill-implimentazzjoni prattika tad-deċiżjoni ta' rkupru. Hija s-sistema legali nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandha taħtar l-entitajiet li jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' rkupru. L-awturi ta' l-Istudju ta' Infurzar jinnutaw li "prinċipju komuni fil-pajjiżi kollha eżaminati huwa li l-irkupru jrid isir mill-awtorità li tat l-għajnuna. Dan iwassal għall-involviment ta' varjetà ta' entitajiet ċentrali, reġjonali u lokali, fil-proċess ta' rkupru ([51])". Jispeċifikaw ukoll li xi Stati Membri inkarigaw entità ċentrali waħda biex tikkontrolla u tmexxi l-proċess ta' rkupru. Din l-entità normalment għandha kuntatt kostanti mal-Kummissjoni. L-awturi ta' l-Istudju ta' Infurzar jikkonkludu li l-eżistenza ta' entità ċentrali bħal din tidher li tikkontribwixxi għal implimentazzjoni iktar effettiva tad-deċiżjonijiet ta' rkupru.

### 3.2.2. *L-Implimentazzjoni ta' l-obbligu ta' rkupru*

47. L-Artikolu 14(3) tar-Regolament Proċedurali jobbliga l-Istat Membru biex jibda l-proċeduri ta' rkupru mingħajr dewmien. Kif imsemmi fit-taqsima 3.1 hawn fuq, id-deċiżjoni ta' rkupru ser tispeċifika t-terminu li fih l-Istat Membru għandu jissottometti informazzjoni preċiża dwar il-miżuri li ħa u li ppjana biex iwettaq id-deċiżjoni. B'mod partikolari, l-Istat Membru jkun meħtieġ jipprovdi informazzjoni sħiħa dwar l-identità tal-benefiċjarji ta' l-għajnuna illegali u inkompatibbli, l-ammont ta' għajnuna involuta u l-proċedura nazzjonali applikata biex jinkiseb l-irkupru. Barra minn hekk, l-Istat Membru jkun meħtieġ jipprovdi dokumentazzjoni li turi li nnotifika lill-benefiċjarju bl-obbligu tiegħu li jħallas lura l-għajnuna li rċieva.

#### L-identifikazzjoni tal-benefiċjarju ta' l-għajnuna u l-ammont li jrid jitħallas lura

48. Id-deċiżjoni ta' rkupru ma jkunx dejjem fiha informazzjoni sħiħa dwar l-identità tal-benefiċjarji, u lanqas fuq l-ammonti ta' għajnuna li jridu jitħallsu lura. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru għandu jidentifika mingħajr dewmien l-impriżi kkonċernati bid-deċiżjoni u jikkwantifika l-ammont preċiż ta' l-għajnuna li jrid jitħallas lura minn kull wieħed minnhom.

49. Fil-każ ta' skema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli, l-Istat Membru jkun meħtieġ jagħmel analiżi dettaljata ta' kull għajnuna individwali mogħtija fuq il-bażi ta' l-iskema kkonċernata. Biex jikkwantifika l-ammont preċiż ta' l-għajnuna li għandha tkun irkuprata minn kull benefiċjarju individwali, ikun irid jiddetermina safejn l-għajnuna tkun ingħatat għal proġett speċifiku, li, meta ssir l-għotja, kien jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha fir-regolamenti dwar l-eżenzjonijiet skond il-kategorija jew fl-iskema ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru jista' japplika wkoll il-kriterji sostantivi *de minimis* applikabbli fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna illegali u inkompatibbli li tkun is-suġġett tad-deċiżjoni ta' rkupru.

50. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jqisu l-inċidenza tas-sistema tat-taxxa biex jiddeterminaw l-ammont li jrid jitħallas lura. Meta benefiċjarju ta' għajnuna illegali u inkompatibbli jkun ħallas it-taxxa fuq l-għajnuna li rċieva, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu, skond ir-regoli nazzjonali tagħhom tat-taxxa, iqisu l-ammont tat-taxxa mħallsa qabel billi jirkupraw biss l-ammont nett li l-benefiċjarju jkun irċieva ([52]). F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ li jassiguraw li l-benefiċjarju ma jkunx jista' jgawdi minn tnaqqis ieħor mit-taxxa billi jiddikjara li l-ħlas lura naqqas id-dħul taxxabbli tiegħu, peress li dan ikun ifisser li l-ammont nett ta' l-irkupru jkun inqas mill-ammont nett li jkun inizjalment irċieva.

#### Il-proċedura ta' rkupru applikabbli

51. L-awturi ta' l-Istudju ta' Infurzar jipprovdu provi sostanzjali tal-fatt li l-proċeduri ta' rkupru jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. L-Istudju juri wkoll li, anki fi ħdan Stat Membru wieħed, jistgħu jiġu applikati diversi proċeduri fl-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli. Fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri, il-proċedura ta' rkupru applikabbli hija normalment determinata min-natura tal-miżura li fuqha hija bbażata l-għotja ta' l-għajnuna. Proċeduri amministrattivi, globalment, għandhom tendenza li jkunu aktar effiċjenti minn proċeduri ċivili, għaliex l-ordnijiet amministrattivi ta' rkupru huma jew jistgħu jiġu infurzati b'mod immedjat ([53]).

([51]) Ara l-paġna 521 ta' l-Istudju.
([52]) Kawża T-459/93, *Siemens vs il-Kummissjoni*, (1995) Ġabra p. II-1675, punt 83. Jekk jogħġbok ara wkoll il-kawża C-148/04, *Unicredito Spa vs Agenzia delle Entrate, Ufficio Genova I*, [2005], Ġabra p. I-11137, punti 117-120.
([53]) Ara l-paġni 522 *et seq* ta' l-Istudju.

52. Il-liġi Komunitarja ma tispeċifikax liema proċedura għandu japplika l-Istat Membru biex iwettaq deċiżjoni ta' rkupru. Madankollu, l-Istati Membru għandhom ikunu jafu li l-għażla u l-applikazzjoni ta' proċedura nazzjonali hija soġġetta għall-kundizzjoni li proċedura bħal din tippermetti għat-twettiq immedjat u effettiv tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Dan jimplika li l-awtoritajiet responsabbli għandhom jikkunsidraw sew il-firxa sħiħa ta' strumenti ta' rkupru disponibbli fil-liġi nazzjonali u jagħżlu l-proċedura li l-aktar tista' twassal għat-twettiq immedjat tad-deċiżjoni ([54]). Għandhom jużaw proċeduri rapidi fejn possibbli skond il-liġi nazzjonali. Skond il-prinċipju ta' ekwivalenza u effettività, dawn il-proċeduri m'għandhomx ikunu anqas vantaġġużi minn dawk li jmexxu azzjonijiet domestiċi simili, u m'għandhomx jagħmluha prattikament impossibbli jew diffiċli wisq li jiġu eżerċitati d-drittijiet mogħtija mil-liġi Komunitarja ([55]).

53. B'mod aktar ġenerali, l-Istati Membri m'għandhom ikunu jistgħu jagħmlu ebda ostakolu biex titwettaq deċiżjoni ta' rkupru tal-Kummissjoni ([56]). Għalhekk, l-awtoritajiet ta' Stat Membru huma obbligati li jwarrbu kull dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali, li tista' tfixkel it-twettiq immedjat tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni ([57]).

In-notifika u l-infurzar ta' ordnijiet ta' rkupru

54. Meta jkunu ġew determinati l-benefiċjarju, l-ammont li jrid jitħallas lura u l-proċedura applikabbli, l-ordnijiet ta' rkupru għandhom jintbagħtu lill-benefiċjarji ta' l-għajnuna illegali u inkompatibbli mingħajr dewmien u fit-terminu preskritt mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-awtoritajiet responsabbli li jwettqu l-irkupru għandhom jassiguraw li dawn l-ordnijiet ta' rkupru jiġu infurzati u li l-irkupru jitlesta fit-terminu speċifikat fid-deċiżjoni. Meta benefiċjarju ma jonorax l-ordni ta' rkupru, l-Istati Memrbi għandhom ifittxu li jseħħ infurzar immedjat ta' l-irkupru skond il-liġi nazzjonali.

3.2.3 *Kawżi quddiem il-qrati nazzjonali*

55. L-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' rkupru tista' twassal għal kawżi fil-qrati nazzjonali. Għalkemm hemm differenzi sinifikanti ħafna fit-tradizzjonijiet ġudizzjarji u s-sistemi ta' l-Istati Membri, jistgħu jiġu identifikati żewġ kategoriji ewlenin ta' kawżi relatati ma' rkurpu: kawżi miġjuba mill-awtorità ta' rkupru għal digriet tal-qorti biex iġegħlu benefiċjarju, li jkun qiegħed jirrifjuta, biex iħallas lura l-għajnuna illegali u inkompatibbli u kawżi miġjuba minn benefiċjarji li jkunu qegħdin jikkontestaw ordni ta' rkupru.

56. L-analiżi li saret fil-kuntest ta' l-Istudju ta' Infurzar tipprovdi evidenza li t-twettiq ta' deċiżjoni ta' rkupru tista' tiddewwem għal ħafna snin meta l-miżuri nazzjonali meħuda għall-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' rkupru jiġu kkontestati fil-qorti. Dan huwa aktar il-każ meta d-deċiżjoni ta' rkupru stess tiġi kkontestata quddiem il-qrati tal-Komunità u meta l-imħallfin nazzjonali jintalbu jissospendu l-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali sakemm il-Qrati tal-Komunità jiddeċiedu fuq il-validità tad-deċiżjoni ta' rkupru.

57. L-ECJ iddeċidiet li l-benefiċjarju ta' għajnuna li bla dubju seta' jikkontesta deċiżjoni ta' rkupru tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 230(KE) quddiem Qorti Ewropea ma jistax jikkontesta aktar il-validità tad-deċiżjoni fi proċedimenti quddiem qorti nazzjonali fuq il-bażi li d-deċiżjoni kienet illegali ([58]). B'riżultat ta' dan, il-benefiċjarju ta' għajnuna li seta' talab eżenzjoni provviżorja quddiem il-Qrati tal-Komunità skond l-Artikoli 242 u 243 KE u m'għamilx hekk, ma jistax jitlob għal sospensjoni tal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali biex jimplimentaw dik id-deċiżjoni minħabba raġunijiet marbuta mal-validità tad-deċiżjoni. Il-kwistjoni hija riservata għall-Qrati tal-Komunità ([59]).

([54]) Minn dan il-lat, l-Istudju jenfasizza t-tentattiv riċenti mill-awtoritajiet Ġermaniżi biex jinfurzaw talba ta' rkupru fil-kawża Kvaerner Warnow Werft fejn l-għajnuna ngħatat permezz ta' ftehim legali privat. Meta l-benefiċjarju rrifjuta li jagħti lura l-għajnuna, l-awtorità kompetenti ddeċidiet li ma tieħux azzjoni quddiem il-qrati ċivili, iżda ħarġet att amministrattiv li jordna l-ħlas lura immedjat ta' l-għajnuna. Barra minn hekk, iddikjarat l-att bħala immedjatament eżekuttiv. L-Ogħla Qorti Amministrattiva ta' Berlin-Brandenburg iddeċidiet li l-awtorità kompetenti ma kinitx marbuta li tirkupra l-għajnuna bl-istess mod li fih ingħatat u qablet li l-"effet utile" tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni kien jeħtieġ li l-awtorità kompetenti titħalla tirkupra l-għajnuna permezz ta' att amministrattiv. Jekk is-sentenza tiġi kkonfermata f'aktar proċedimenti, wieħed jista' jistenna li, fil-ġejjieni, l-irkupru ta' l-għajnuna fil-Ġermanja ser ikun, fil-prinċipju, imwettaq skond ir-regoli amministrattivi.

([55]) Kawża C-13/01, *Safalero*, [2003], Ġabra p. I-8679, punti 49-50.

([56]) Kawża C-48/71, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, [1972] Ġabra p. I-00529.

([57]) Kawża C-232/05, *Il-Kummissjoni vs Franza*, imsemmija qabel fin-nota 9 ta' qiegħ il-paġna.

([58]) Kawża C-188/92, *TWD Textilwerke Deggendorf GmbH vs il-Ġermanja*, msemmija qabel fin-nota 10 ta' qiegħ il-paġna.

([59]) Kif affermat mill-ġdid fil-kawża C-232/05, *Il-Kummissjoni vs Franza*, imsemmija qabel fin-nota 9 ta' qiegħ il-paġna.

58. Min-naħa l-oħra, f'każijiet fejn m'huwiex ċar li azzjoni għall-annullament miġjuba kontra d-deċiżjoni kkontestata mill-benefiċjarju ta' l-għajnuna setgħet tkun ammissibbli, għandha tiġi offruta protezzjoni legali xierqa lill-benefiċjarju ta' l-għajnuna. Fil-każ li l-benefiċjarju ta' l-għajnuna jikkontesta l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni fil-proċedimenti quddiem il-qorti nazzjonali fuq il-bażi li deċiżjoni ta' rkupru bħal din kienet illegali, l-imħallef nazzjonali għandu jitlob deċiżjoni preliminari dwar il-validità ta' deċiżjoni bħal din lill-ECJ skond l-Artikolu 234 (KE) ([60]).

59. Fil-każ li benefiċjarju jitlob ukoll eżenzjoni provviżorja mill-miżuri nazzjonali adottati biex tiġi implimentata deċiżjoni ta' rkupru minħabba illegalità allegata tad-deċiżjoni ta' rkupru tal-Kummissjoni, l-imħallef nazzjonali għandu jevalwa jekk il-każ quddiemu jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ECJ fil-kawżi Zuckerfabrik ([61]) u Atlanta ([62]). Skond każistika stabbilita, tista' tiġi ordnata eżenzjoni provviżorja mill-qorti nazzjonali biss fil-każ li:

(1) il-qorti jkollha dubji serji dwar il-validità ta' l-att tal-Komunità u, jekk il-validità ta' l-att ikkontestat ma tressqitx diġà quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, hija stess tirrefera l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja;

(2) hemm każ ta' urġenza, minħabba li l-eżenzjoni provviżorja hija meħtieġa biex tiġi evitata ħsara serja u irreparabbli lill-parti li qed titlob l-eżenzjoni;

(3) il-qorti tqis l-interess tal-Komunità; kif ukoll

(4) fl-evalwazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet kollha, tirrispetta kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-legalità ta' l-att Komunitarju jew dwar applikazzjoni għal miżuri provviżorji biex ikun hemm eżenzjoni provviżorja simili fil-livell Komunitarju ([63]).

3.2.4. *Il-każ speċifiku ta' benefiċjarji falluti*

60. Bħala osservazzjoni preliminari, huwa importanti li jitfakkar li l-ECJ dejjem qalet li l-fatt li benefiċjarju huwa fallut jew suġġett għal proċedimenti fallimentari m'għandu ebda effett fuq l-obbligu li jħallas lura l-għajnuna illegali u inkompatibbli ([64]).

61. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet li jinvolvu benefiċjarju ta' għajnuna fallut, mhuwiex ser ikun possibbli li jitħallas lura l-ammont sħiħ ta' għajnuna illegali u inkompatibbli (inklużi l-interessi), minħabba li l-assi tal-benefiċjarju mhux ser ikunu biżżejjed biex jissodisfaw it-talbiet kollha tal-kredituri. Għalhekk, mhuwiex possibbli li terġa' tiġi stabbilita kompletament is-sitwazzjoni *ex ante* bil-mod tradizzjonali. Minħabba li l-għan aħħari ta' l-irkupru huwa biex jispiċċa d-distorsjoni fil-kompetizzjoni, l-ECJ iddikjarat li l-likwidazzjoni tal-benefiċjarju tista' titqies bħala għażla aċċettabbli għall-irkupru f'każijiet bħal dawn ([65]). Għalhekk il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li deċiżjoni li tordna lil Stat Membru biex jirkupra għajnuna illegali u inkompatibbli minn benefiċjarju fallut tista' għalhekk titqies li twettqet kif suppost jew meta jsir l-irkupru sħiħ jew, fil-każ ta' rkupru parzjali, meta l-kumpanija tiġi likwidata u l-assi tagħha jinbiegħu skond il-kundizzjonijiet tas-suq.

62. Meta jimplimentaw deċiżjonijiet ta' rkupru dwar benefiċjarji falluti, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom jassiguraw li jitqies kif dovut l-interess Komunitarju matul il-proċeduri ta' insolvenza u, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tintemm immedjatament id-distorsjoni fil-kompetizzjoni kkawżata mill-għoti ta' għajnuna illegali u inkompatibbli.

([60]) Kawża C-346/03, *Atzeni* et, [2006], paġna I-01875, punti 30-34.
([61]) Kawżi magħquda C-143/88 u C-92/89, *Zuckerfabrik Süderdithmarschen A.G.* et, [1991], Ġabra p. I-415, punti 23 *et seq.*
([62]) Kawża C-465/93, *Atlanta Fruchthandelsgesellschaft mbH* et, [1995], Ġabra p. I-3761, punt 51.
([63]) Kawża C-465/93, *Atlanta Fruchthandelsgesellschaft mbH* et, imsemmija qabel fin-nota 61 ta' qiegħ il-paġna, punt 51.
([64]) Kawża C-42/93, *Spanja vs il-Kummissjoni* ("Merco") [1994], Ġabra p. I-4175.
([65]) Kawża C-52/84, *il-Kummissjoni vs il-Belġju*; [1986] Ġabra p. 9.

63. Madankollu, l-esperjenza tal-Kummissjoni wriet li s-sempliċi reġistrazzjoni ta' pretensjonijiet fi proċedimenti ta' falliment tista' mhux dejjem tkun biżżejjed biex tiżgura l-implimentazzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-Kummissjoni. L-applikazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali dwar il-falliment jistgħu jippreġudikaw l-effett ta' deċiżjonijiet ta' rkupru billi jħallu lill-kumpanija tkompli topera minkejja n-nuqqas ta' rkupru sħiħ u billi b'hekk iħallu d-distorsjoni fil-kompetizzjoni tissokta. Fuq il-bażi ta' l-esperjenza tagħha f'każijiet ta' rkupru minn benefiċjarji insolventi, il-Kummissjoni tqis li hemm ħtieġa li l-obbligi ta' l-Istati Membri fl-istadji varji tal-proċedimenti ta' falliment jiġu definiti.

64. L-Istat Membru għandu immedjatament jirreġistra l-pretensjonijiet tiegħu fil-proċedimenti fallimentari ([66]). Skond il-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja l-irkupru għandu jsir skond ir-regoli nazzjonali tal-falliment ([67]). Id-dejn li għandu jiġi rkuprat għandu jitħallas lura bis-saħħa ta' l-istatus li jingħatalu mil-liġi nazzjonali.

65. Fil-passat, kien hemm każijiet meta l-amministratur fallimentarju rrifjuta li jirreġistra pretensjoni ta' rkupru fi proċedimenti ta' falliment minħabba t-tip ta' għajnuna illegali u inkompatibbli li ngħatat (per eżempju meta l-għajnuna tkun ingħatat bħala injezzjoni ta' kapital). Il-Kummissjoni tqis lil din issitwazzjoni bħala waħda problematika, b'mod partikolari jekk dan ir-rifjut iċaħħad lill-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tad-deċiżjoni ta' rkupru minn kull mezz biex jiżguraw li jitqies kif dovut l-interess Komunitarju matul il-proċedimenti ta' insolvenza. Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Istat Membru għandu jikkontesa r-rifjut ta' l-amministratur ta' l-insolvenza li jirreġisra l-pretensjonijiet tiegħu ([68]).

66. Biex tiżgura l-implimentazzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni ta' rkupru tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tad-deċiżjoni ta' rkupru għandhom ukoll jappellaw kull deċiżjoni mill-amministratur fallimentarju jew mill-qorti fallimernarja li tippermetti li titkompla l-attività tal-benefiċjarju fallut lil hinn mit-termini stabbiliti fid-deċiżjoni ta' rkupru. Bl-istess mod, il-qrati nazzjonali, meta affaċċjati b'talba bħal din, għandhom iqisu totalment l-interess Komunitarju u, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġi assigurat li t-twettiq tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jkun immedjat u li d-distorsjoni fil-kompetizzjoni kkawżata mill-għajnuna illegali u inkompatibbli tintemm kemm jista' jkun malajr. Il-Kummissjoni tikkunsidra li huma, għalhekk, m'għandhomx jippermettu t-tkomplija ta' l-attività ta' benefiċjarju fallut fin-nuqqas ta' rkupru sħiħ.

67. Fil-każ li pjan ta' kontinwazzjoni jiġi propost lill-kumitat tal-kredituri li jimplika kontinwazzjoni ta' l-attività tal-benefiċjarju, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għat-twettiq jistgħu biss jappoġġjaw dan il-pjan jekk jassigura li l-għajnuna titħallas lura kollha kemm hi fit-termini previsti fid-deċiżjoni ta' rkupru tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, l-Istat Membru ma jistax jirrinunzja għal parti mit-talba tiegħu ta' rkupru, u lanqas ma jista' jaċċetta xi soluzzjoni oħra li ma tirriżultax fit-tmiem immedjat ta' l-attività tal-benefiċjarju. Fl-assenza ta' ħlas lura sħiħ u immedjat ta' l-għajnuna illegali u inkompatibbli, l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq għandhom jieħdu l-miżuri kollha disponibbli biex jopponu l-adozzjoni ta' pjan ta' kontinwazzjoni u għandhom jinsistu fuq it-tmiem ta' l-attività tal-benefiċjarju fit-terminu stabbilit fid-deċiżjoni ta' rkupru.

68. Fil-każ ta' likwidazzjoni, u sakemm l-għajnuna ma tkunx għadha tħallset kollha lura, l-Istat Membru għandu jopponi kull trasferiment ta' assi li ma jsirx skond il-kundizzjonijiet tas-suq u/jew li huwa organizzat biex jevita d-deċiżjoni ta' rkupru. Biex jinkiseb "trasferiment korrett ta' assi", l-Istat Membru għandu jassigura li l-vantaġġ inġust maħluq mill-għajnuna ma jiġix trasferit lix-xerrej ta' l-assi. Dan jista' jiġri jekk l-assi tal-benefiċjarju oriġinali ta' l-għajnuna jiġu trasferiti lil terza persuna bi prezz orħos mill-valur tagħhom tas-suq jew lil kumpanija aventi kawża mwaqqfa biex tiġi evitata l-ordni ta' rkupru. F'każ bħal dan, l-ordni ta' rkupru jeħtieġ li tiġi estiża lil dik it-terza persuna ([69]).

([66]) Kawża C-142/87, *il-Kummissjoni vs il-Belġju*; [1990] Ġabra p. I-959, punt 62.
([67]) Kawża C-142/87, *ibid*. Kawża C-499/99, *il-Kummissjoni vs Spanja* ("Magefesa"), [2002], Ġabra p. I-603, punti 28-44.
([68]) Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenza ta' l-Awla Kummerċjali tal-Qorti ta' Amberg tat-23 ta' Lulju 2001 dwar l-għajnuna mogħtija mill-Ġermanja lil "Neue Maxhütte Stahlwerke GmbH" (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/178/KEFA, ĠU L 53 tat-2.3.1996, p. 41. F'dik il-kawża, il-Qorti Ġermaniża ħassret ir-rifjut ta' amministratur fallimentarju li jirreġistra pretensjoni ta' rkupru li kienet tirriżulta minn għajnuna illegali u inkompatibbli mogħtija fil-forma ta' injezzjoni tal-kapital, għaliex din kienet tagħmel it-twettiq tad-deċiżjoni ta' rkupru impossibbli.
([69]) Kawża C-277/00, *il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, msemmija qabel fin-nota 37 ta' qiegħ il-paġna.

## 4. KONSEGWENZI TA' NUQQAS TA' IMPLIMENTAZZJONI TAD-DEĊIŻJONIJIET TA' RKUPRU TAL-KUMMISSJONI

69. Stat Membru huwa meqjus li kkonforma mad-deċiżjoni ta' rkupru meta l-għajnuna kollha titħallas lura fit-terminu preskritt jew, fil-każ ta' benefiċjarju fallut, meta l-kumpanija tkun likwidata skond il-kundizzjonijiet tas-suq.

70. Il-Kummissjoni tista' taċċetta wkoll, f'każijiet li jkunu debitament iġġustifikati, implimentazzjoni provviżorja tad-deċiżjoni, meta tkun suġġetta għal proċedimenti quddiem il-qrati nazzjonali jew Komunitarji (per eżempju l-ħlas ta' l-ammont sħiħ ta' l-għajnuna illegali u inkompatibbli f'kont ibblukkat ([70])). L-Istat Membru għandu jassigura li l-kumpanija ma tibqax tgawdi mill-vantaġġ marbut ma' l-għajnuna illegali u inkompatibbli ([71]). L-Istat Membru għandu jissottometti, għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, ġustifikazzjoni għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji bħal dawn u deskrizzjoni sħiħa tal-miżura provviżorja prevista.

71. Fejn Stat Membru kkonċernat ma kkonformax ruħu mad-deċiżjoni ta' rkupru, u fejn ma setax juri l-eżistenza ta' impossibilità assoluta, il-Kummissjoni tista' tagħti bidu għal proċedimenti ta' ksur. Barra minn hekk, jekk ċerti kundizzjonijiet jiġu sodisfatti, tista' tobbliga lill-Istat Mebru kkonċernat biex jissospendi l-ħlas ta' għajnuna ġdida kompatibbli lill-benefiċjarju jew benefiċjarji kkonċernati bl-applikazzjoni tal-prinċipju Deggendorf.

### 4.1. Proċeduri ta' Ksur

— *Azzjonijiet skond l-Artikolu 88(2) KE*

72. Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jikkonformax ruħu mad-deċiżjoni ta' rkupru fit-terminu preskritt u jekk ma setax juri l-impossibilità assoluta, il-Kummissjoni, kif diġà għamlet, jew xi Stat ieħor interessat, tista' tirreferi l-kwistjoni direttament lill-ECJ skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat. Il-Kummissjoni tista' mbagħad tqanqal argumenti dwar l-imġiba ta' l-organi eżekuttivi, leġiżlattivi jew ġudizzjarji ta' l-Istat Membru kkonċernat, minħabba li l-Istat Membru għandu jitqies fl-intier tiegħu ([72]).

— *Azzjonijiet skond l-Artikolu 228(2) KE*

73. Fil-każ li l-ECJ tikkundanna lill-Istat Membru talli ma kkonformax ruħu mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni u jekk il-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru kkonċernat ma kkonformax ruħu mas-sentenza ta' l-ECJ, il-Kummissjoni tista' tkompli tittratta l-kwistjoni skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat. F'każ bħal dan, wara li tagħti lill-Istat Membru l-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu, il-Kummssjoni tagħti opinjoni motivata fejn tispeċifika l-punti li fuqhom l-Istat Membru kkonċernat ma kkonformax ruħu mas-sentenza ta' l-ECJ.

74. Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jieħux il-miżuri meħtieġa biex jikkonforma ruħu mas-sentenza ta' l-ECJ fit-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, il-Kummissjoni tista' mbagħad tirreferi l-kwistjoni lill-ECJ, skond l-Artikolu 228(2) tat-Trattat tal-KE. Il-Kummissjoni imbagħad titlob lill-ECJ biex timponi ħlas ta' multa fuq l-Istat Membru kkonċernat. Il-*ħlas tal-multa* jiġi ffissat skond il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE ([73]), u jiġi ikkalkulat fuq il-bażi ta' tliet kriterji: is-serjetà tal-ksur, it-tul tiegħu, u l-ħtieġa li jiġi assigurat li l-multa nfisha hija deterrent għal ksur ieħor. Skond l-istess komunikazzjoni l-Kummissjoni se titlob ukoll għal ħlas ta' *somma sħiħa* bħala penalità kontra l-kontinwazzjoni tal-ksur bejn l-ewwel sentenza ta' nuqqas ta' konformità u s-sentenza mogħtija skond l-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE. Minħabba l-fatt li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' rkupru tal-Kummissjoni jtawwal id-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għoti ta' l-għajnuna illegali u inkompatibbli, il-Kummissjoni mhijiex ser taħsibha darbtejn biex tuża din il-possibilità jekk jidher neċessarju li jiġi assigurat ir-rispett tar-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat.

([70]) F'termini prattiċi, il-ħlas ta' l-ammont totali ta' l-għajnuna u l-interessi f'kont ibblukkat jista' jaqa' taħt kuntratt speċifiku, iffirmat mill-bank u mill-benefiċjarju, u li permezz tiegħu il-partijiet jaqblu li s-somma għandha titħallas favur parti jew oħra meta tintemm il-litigazzjoni.
([71]) Bil-kuntrarju ta' l-istabbiliment ta' kont ibblukkat, l-użu ta' garanziji bankarji ma jistax jitqies bħala miżuri provviżorja xierqa minħabba li l-ammont totali ta' l-għajnuna għadu għad-dispożizzjoni ta' min irċevih.
([72]) Kawża C-224/01, *Köbler*, [2003], Ġabra p. I-10239, punti 31-33, Kawża C-173/03, *Traghetti del Mediterraneo*, [2003], paġna I-05177, punti 30-33.
([73]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE — SEC/2005/1658 (ĠU C 126 tas-7.6.2007, p. 15).

## 4.2. L-applikazzjoni tal-każistika Deggendorf

75. Fis-sentenza tagħha fil-każ Deggendorf, is-CFI iddeċidiet li, "meta l-Kummissjoni tikkunsidra l-kompatibilità ta' għajnuna mill-Istat mas-suq komuni, hija għandha tqis il-fatturi kollha relevanti, inklużi, fejn relevanti, iċ-ċirkostanzi li tqisu diġà f'deċiżjoni preċedenti u l-obbligi li dik id-deċiżjoni preċedenti setgħet imponiet fuq Stat Membru. Għalhekk il-Kummissjoni għandha l-poter li tqis, l-ewwel, kull effett akkumulat ta' l-għajnuna […] antika u l-għajnuna […] ġdida u, t-tieni, il-fatt li l-għajnuna [l-antika] ddikjarata illegali […] ma tħallsitx lura" ([74]). Fl-applikazzjoni ta' din is-sentenza u biex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni kontra l-interess komuni, il-Kummissjoni tista' tordna lil Stat Membru jissospendi l-ħlas ta' għajnuna ġdida kompatibbli lil impriża li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha għajnuna illegali u inkompatibbli suġġetta għal deċiżjoni preċedenti ta' rkupru, u dan sakemm l-Istat Membru jkun assigura ruħu li l-impriża kkonċernata ħallset lura l-għajnuna antika illegali u inkompatibbli.

76. Il-Kummissjoni issa ilha tapplika l-hekk imsejjaħ prinċipju Deggendorf b'mod aktar sistematiku għal xi snin. Fil-prattika, matul l-investigazzjoni preliminari ta' miżura ġdida ta' għajnuna, il-Kummissjoni titlob impenn mill-Istat Membru biex jissospendi l-ħlas ta' għajnuna ġdida lil xi benefiċjarju li għad irid iħallas lura għajnuna illegali u inkompatibbli suġġetta għal deċiżjoni ta' rkupru preċedenti. Jekk l-Istat Membru ma jagħtix dan l-impenn u/jew fl-assenza ta' data ċara fuq il-miżuri ta' għajnuna involuti ([75]) li żżomm lill-Kummissjoni milli tivvaluta l-impatt globali ta' l-għajnuna antika u ġdida fuq il-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ser tieħu deċiżjoni finali, suġġetta għal kundizzjonijiet fuq il-bażi ta' l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Proċedurali, li tirrikjedi lill-Istat Membru kkonċernat jissospendi l-ħlas ta' għajnuna antika u ġdida sakemm tkun sodisfatta li l-benefiċjarju kkonċernat ħallas lura l-għajnuna antika illegali u inkompatibbli, inklużi l-interessi ta' rkupru dovuti.

77. Il-prinċipju Deggendorf sadattant ġie integrat fil-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati azjendi f'diffikultà ([76]) u f'Regolamenti ta' Eżenzjonijiet skond il-Kategorija reċenti ([77]). Il-Kummissjoni biħsiebha tintegra dan il-prinċipju fir-regoli u d-deċiżjonijiet kollha ta' għajuna mill-Istat li ġejjin.

78. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tilqa' l-inizjattiva ta' l-Italja li ddaħħal dispożizzjoni speċifika 'Deggendorf' fil-'Legge Finanziaria 2007' tagħha, li tipprovdi li benefiċjarji ta' miżuri ġodda ta' għajnuna mill-Istat għandhom jiddikjaraw li m'għandhomx għad-dispożizzjoni tagħhom xi għajuna mill-Istat llegali jew inkompatibbli ([78]).

## 5. KONKLUŻJONI

79. Iż-żamma ta' sistema ta' kompetizzjoni libera u mingħajr xkiel hija waħda mill-pilastri tal-Komunità Ewropea. Bħala parti mill-politika Ewropea ta' kompetizzjoni, id-dixxiplina fl-għajnuna mill-Istat hija essenzjali biex tassigura li s-suq intern jibqa' uniformi fis-setturi ekonomiċi kollha fl-Ewropa. F'din il-ħidma ewlenija, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà konġunta li jassiguraw l-infurzar xieraq tad-dixxiplina ta' l-għajnuna mill-Istat u b'mod partikolari tad-deċiżjonijiet ta' rkupru.

80. Bil-ħruġ ta' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni hija lesta li żżid l-għarfien tal-prinċipji tal-politika ta' rkupru definiti mill-Qrati tal-Komunità u tiċċara l-prattika tal-Kummissjoni dwar il-politika tagħha ta' rkupru. Il-Kummissjoni hija kommessa li tkun konformi ma' dawn il-prinċipji msemmija u tistieden lill-Istati Membri biex jitolbu parir meta jiffaċċjaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rkupru. Is-servizzi tal-Kummissjoni jibqgħu għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri biex jipprovdu aktar gwida u assistenza jekk meħtieġa.

---

([74]) Kawża T-244/93 u T-486/93, *TWD Deggendorf Siemens vs il-Kummissjoni*, [1995] Ġabra p. II-2265, punt 56.
([75]) per eżempju fil-każ ta' skemi illegali u inkompatibbli fejn l-ammont u l-benefiċjarji ma jkunux magħrufa mill-Kummissjoni.
([76]) ĠU C 244/2, 1.10.2004, punt 23.
([77]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna nazzjonali reġjonali ta' investiment, ĠU L 302, ta' l-1 ta' Novembru 2006, p. 29.
([78]) Legge 27 dicembre 2006, n. 296, art. 1223.

81. Il-Kummissjoni tistenna li l-Istati Membri jonoraw il-prinċipji tal-politika ta’ rkupru. Huwa biss bi sforz konġunt tal-Kummissjoni u ta’ l-Istati Membri li d-dixxiplina ta’ l-għajnuna mill-Istat tkun assigurata u twassal għall-għan mixtieq, jiġifieri ż-żamma ta’ kompetizzjoni mingħajr xkiel fi ħdan is-suq intern.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattika restrittiva u pożizzjonijiet dominanti fil-laqgħa tiegħu mogħtija fl-416-il laqgħa fit-18 ta' Settembru 2006 dwar abbozz ta' Deċiżjoni relatata ma' każ COMP/C2/38.681 — Il-ftehim ta' Estensjoni ta' Cannes**

(2007/C 272/06)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-klawsola 9(a) tal-Ftehim ta' Estensjoni ta' Cannes jista' jkollha l-effett li tipprevjeni l-għoti ta' roħs minn soċjetà ta' ġbir li tinnegozja Ftehim Ċentrali ta' Liċenzji ma' kumpanija tad-diski u b'hekk, tammonta għal ftehim ta' fissar indirett ta' prezz.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni illi l-klawsola 7(a)(i) tal-Ftehim ta' Estensjoni ta' Cannes għandha l-għan u jista' jkollha l-effett li twaqqaf l-istrutturi kurrenti tas-suq u tostakola kwalunkwe kompetizzjoni potenzjali minn soċjetajiet ta' ġbir favur pubblikaturi ta' muzika u/jew kumpaniji tad-diski.

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji offruti huma biżżejjed biex jilħqu t-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompatibilità tal-klawsoli ma' l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE.

4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-proċedimenti jistgħu jiġu konklużi permezz ta' deċiżjoni skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li jista' joħloq impenji li jorbtu l-partijiet għal Ftehim ta' Estensjoni ta' Cannes.

5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, minħabba l-impenji offruti, l-evalwazzjoni preliminarja u l-osservazzjonijiet sottomessi minn partijiet terzi interessati, għad m'hemmx raġunijiet għal azzjoni mill-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

## Rapport finali ta' l-uffiċjal tas-smigħ fil-każ COMP/C2/38.681 — Ftehim ta' Estensjoni Cannes

*(skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L162, 19.6.2001, p. 21)*

(2007/C 272/07)

L-abbozz ta' Deċiżjoni ppreżentat lill-Kummissjoni taħt l-Art. 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 jikkonċerna ħames pubblikaturi prinċipali tal-mużika u tlettax-il *collecting society* li daħlu fl-hekk imsejjaħ Ftehim ta' Estensjoni Cannes li huwa marbut mal-ġestjoni tad-drittijiet mekkaniċi.

Universal Music BV għamlet ilment lill-Kummissjoni fis-27 ta' Frar 2003 li bih tallega li ċerti termini tal-ftehim jiksru l-Artikoli 81 tat-Trattat. Il-Ftehim ta' Estensjoni Cannes kien sussegwentement notifikat lill-Kummissjoni fl-1 ta' Lulju 2003 taħt ir-Regolament (KE) Nru 17/62. Madankollu, il-proċedura ta' notifika ma tkomplietx fl-1 ta' Mejju 2004 minħabba d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

Fit-23 ta' Jannar 2006 il-Kummissjoni bagħtet Evalwazzjoni Preliminari lit-tlettax-il *collecting society* tad-drittijiet ta' l-awtur mekkaniċi u lil ħames pubblikaturi prinċipali tal-mużika, li huma partijiet interessati għall-Ftehim ta' Estensjoni Cannes. Fl-Evalwazzjoni Preliminari tagħha, il-Kummissjoni identifikat żewġ klawsoli tal-Ftehim ta' Estensjoni Cannes li jqajmu tħassib rigward il-kompatibbiltà tagħhom ma' l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u 53 tal-Ftehim taż-ŻEE. Il-klawsola 9(a), li tillimita l-possibbiltà tal-*collecting societies* li jagħtu tnaqqis lill-utenti kummerċjali, u klawsola 7(a)(i), li taħtha l-*collecting societies* huma miżmuma milli jimpenjaw ruħhom fi kwalunkwe attivitajiet fis-swieq tal-pubblikazzjoni tal-mużika jew tal-produzzjoni diskografika.

Matul id-diskussjonijiet preliminari, il-partijiet offrew impenji biex itaffu t-tħassib espress mill-Kummissjoni. Avviż skond l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-23 ta' Mejju 2006 sabiex isir test tas-suq b'rabta ma' l-impenji. L-Avviż stieden lill-partijiet terzi biex jissottomettu kummenti fi żmien xahar mid-data tal-publikazzjoni. Sussegwentement, fil-5 ta' Lulju 2006, Universal International Music BV irtirat l-ilment tagħha.

Fid-dawl ta' l-impenji u wara t-test tas-suq is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni kkunsidraw li ma kienx hemm iktar bażijiet għal azzjoni mill-Kummissjoni u li, bla ħsara għall-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-proċedimenti f'dan il-każ għandhom jintemmu.

Ma saru l-ebda mistoqsijiet jew sottomissjonijiet lill-Uffiċjal tas-Smigħ mill-partijiet jew minn partijiet terzi. Il-Partijiet iddikkjaraw formalment li huma rċevew biżżejjed aċċess għall-informazzjoni li huma kkunsidraw neċessarja biex joffru impenji sabiex itaffu t-tħassib espress mill-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-każ ma jirrikjedix kummenti partikolari rigward id-dritt tas-smigħ.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2006

Serge DURANDE

# INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

# IL-QORTI TA' L-EFTA

**Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti ta' l-EFTA magħmula minn Héraðsdómur Reykjavíkur datata 19 ta' Marzu 2007 fil-kawża Jón Gunnar Þorkelsson v Gildi-lífeyrissjóður (Fond tal-Pensjoni Gildi)**

**(Kawża E-4/07)**

(2007/C 272/08)

Saret talba lill-Qorti ta' l-EFTA permezz ta' ittra datata d-19 ta' Marzu 2007 minn Héraðsdómur Reykjavíkur (il-Qorti Distrettwali ta' Reykjavík), li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fis-26 ta' Marzu 2007, għal Opinjoni Konsultattiva fil-kawża Jón Gunnar Þorkelsson v Gildi-lífeyrissjóður (Fond tal-Pensjoni Gildi), dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. It-terminu 'assigurazzjoni soċjali' kif użat fil-Ftehim ŻEE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tat-test prinċipali tal-Ftehim u tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, ikopri l-intitolament għal benefiċċju għad-diżabbiltà li joħroġ minn skemi ta' fondi għall-pensjonijiet bħalma hi dik Iżlandiża?
2. Irrispettivament mit-tweġiba għall-Mistoqsija 1, il-Qorti Distrettwali tistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 29, jistgħux jiġu interpretati b'mod li jfissru li regola fl-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-fondi għall-pensjonijiet Iżlandiżi li tissoġġetta dritt għal benefiċċju speċifiku (id-dritt għal previżjoni ta' l-intitolamenti) għall-kundizzjoni li l-individwu involut ikun ħallas primjums lil fond għall-pensjonijiet Iżlandiż, li jkun parti fil-Ftehim dwar ir-Relazzjonijiet bejn il-Fondi għall-Pensjonijiet, għal mill-inqas 6 mit-12-il xahar ta' qabel id-data ta' l-inċident, hix kompatibbli mal-Ftehim ŻEE meta r-raġuni għala l-individwu ma jkunx jista' jissodisfa din il-kundizzjoni tkun li huwa jkun iċċaqlaq lejn stat ieħor fiż-ŻEE minħabba impjieg komparabbli għal dak li kellu preċedentement, u jkun ħallas f'fond għall-pensjonijiet f'dak l-istat?
3. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, għandu jkun interpretat b'mod li jfisser li l-ħaddiema għandhom jippreżentaw it-talbiet tagħhom għal kumpens fl-istat fejn kienu residenti u fejn kellhom intitolamenti tas-sigurtà soċjali fiż-żmien meta jseħħ il-korriment?

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# KUMMISSJONI

### Sejħiet għal proposti mill-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS skond il-programm ta' ħidma "Kooperazzjoni" tas-Seba' Programm Kwadru tal-KE għal Attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni

(2007/C 272/09)

B'dan qed tingħata notifika tat-tnedija tas-sejħiet għal proposti mill-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS skond il-programm ta' ħidma "Kooperazzjoni" tas-Seba' Programm Kwadru tal-KE għal Attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Dimostrazzjoni (mill-2007 sa l-2013).

Jintlaqgħu proposti għas-sejħa li ġejja.

**Il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni":**

— *Tema*: It-Trasport (inkluża l-Aeronawtika)

*Subtema*: Appoġġ għas-Sistema Ewropea tan-Navigazzjoni Globali bis-Satelliti (Galileo) u EGNOS

*Identifikazzjoni tas-Sejħa*: FP7-GALILEO-2007-GSA-1

**Din is-sejħa għal proposti għandha x'taqsam mal-programm ta' ħidma adottat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007)2460 tal-11 ta' Ġunju 2007.**

Informazzjoni dwar il-baġit, l-iskadenzi u l-modalitajiet, tas-sejħ, il-programm ta' ħidma, deskrizzjoni tas-suġġetti u l-gwida għall-applikanti dwar kif jippreżentaw proposti huma disponibbli fis-sit eletroniku tal-CORDIS.

http://cordis.europa.eu/fp7/calls/

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.4946 — Goldman Sachs/Sintonia SpA/Sintonia)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 272/10)

1. Fid-29 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Goldman Sachs Group, Inc. ("Goldman Sachs", l-Stati Uniti ta' l-Amerika) u Sintonia SpA ("Sintonia S.p.A", l-Italja), li tappartjeni lil Benetton group, takkwista fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża Sintonia SA ("Sintonia", l-Italja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Goldman Sachs : servizzi bankarji globali ta' investiment, garanziji u amministrazzjoni ta' kumpaniji ta' investiment li jipprovdu firxa wiesgħa ta' prodotti bankarji, garanziji u servizzi ta' investiment madwar id-dinja,

— għall-impriża Sintonia : il-kumpanija possedenti ta' Benetton group għal parteċipazzjonijiet f'impriżi attivi fis-settur ta' l-infrastruttura.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4946 — Goldman Sachs/Sintonia SpA/Sintonia, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 56, 29.1.2004, p. 32.

# Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.4883 — PetroFina/Galactic/Futerro JV)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 272/11)

1. Fid-9 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 u skond referenza għall-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi PetroFina S.A./N.V. ("PetroFina", il-Belġju) li tappartjeni għall-grupp Total ("Total", Franza) u Galactic S.A./N.V. li l-kontroll aħħari tagħha huwa f'idejn Finasucre S.A. ("Finasucre", il-Belġju) u Frederic van Gansberghe S.A./N.V. ("FVG", il-Belġju) jakkwistaw fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt tal-impriża Futerro S.A./N.V ("Futerro", il-Belġju) permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa mill-ġdid li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— PetroFina: il-manifattura u bejgħ ta' kimiċi bażiċi kif ukoll prodotti abbażi ta' polimeri;

— Total: impriża ta' l-enerġija u tal-prodotti kimiċi integrata vertikalment,

— Galactic: manifattura u bejgħ ta' aċidu lattiku u l-imluħ u l-esteri tiegħu (*lactates*);

— Finasucre: manifattura u bejgħ taz-zokkor mill-kannamiela u mill-pitravi kif ukoll ġulepp u prodotti oħra;

— FVG: servizzi ta' pariri u amministrazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4883 — PetroFina/Galactic/Futerro JV, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.03.2005, p. 32.

## AVVIŻ

Fil-15 ta' Novembru 2007, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* C 272 A, se jiġi ppubblikat il-"Katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli — is-seba' suppliment għall-25 edizzjoni kompluta".

L-abbonati tal-Ġurnal Uffiċjali jistgħu jiksbu l-istess numru ta' kopji u verżjonijiet lingwistiċi ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali bħal dawk li jiksbu mingħajr ħlas. L-abbonati huma mitluba jirritornaw il-formola mehmuża hawnhekk, mimlija u bin-numru sħiħ ta' l-abbonament tagħhom (il-kodiċi jidher fuq ix-xellug ta' kull tikketta u jibda: O/..........). Dan il-Ġurnal Uffiċjali se jibqa' disponibbli mingħajr ħlas għal sena mid-data ta' meta jiġi ppubblikat.

Non-abbonati jistgħu jordnaw dan il-Ġurnal Uffiċjali bi ħlas f'wieħed mill-uffiċini ta' bejgħ tagħna (ara http://publications.europa.eu/others/sales_agents_mt.html).

Dan il-Ġurnal Uffiċjali — bħall-Ġurnali Uffiċjali kollha (L, C, CA, CE) — jista' jiġi kkonsultat mingħajr ħlas online fuq http://eur-lex.europa.eu.

---

## FORMOLA GĦALL-ORDNI

**Office for Official Publications**
**of the European Communities**
Subscription Department
2, rue Mercier
L-2985 Luxembourg
Fax (352) 29 29-42752

In-numru tar-reġistrazzjoni tiegħi huwa: O/……

Jekk jogħġbok ibgħatli … kopji mingħajr ħlas tal-**Ġurnal Uffiċjali C 272 A/2007** li għalihom jiena intitolat skond l-abbonament tiegħi.

Isem: ..............................................................................................................................................

Indirizz: ..........................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

Data: ........................................................................ Firma: ........................................................................